MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Appell Civili Numru. 277/1987/2

**Maria Theresa Deguara Caruana Gatto mart Joseph Deguara u l-istess Joseph Deguara bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu; u b'digriet tal-4 ta' April 1990 il-gudizzju baqa' fil-persuna ta' Maria Theresa Deguara Caruana Gatto biex tkompli l-kawza wehedha *stante* li fil-mori tal-kawza miet zewgha Joseph Deguara**

**vs**

**Theresa Bonanno, Josephine Lauri, Mario Mifsud, Lilian Galea, Rita Refalo u Rose Attard ilkoll ahwa Mifsud u b'digriet ta' 20 ta' April, 1987 Dr. Joseph Azzopardi u P.L. Charles Vassallo gew nominati**

**kuraturi biex jirrapprezentaw lill-imsiefrin Margaret Micallef, Carmelo Mifsud, Saviour Mifsud, Mary Vella, Philip Mifsud u John Mifsud ilkoll ahwa Mifsud; u b'digriet tat-13 ta' Novembru, 1987 Carmelo Mifsud assuma l-atti f'ismu proprju u gew mahruga mill-kawza l-Avukat Dottor Joseph Azzopardi u l-Prokuratur Legali Charles Vassallo *in kwantu* gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-istess Carmelo Mifsud, u b'digriet tas-16 ta' Jannar, 1990 Teresa Bonanno assumiet l-atti tal-kawza f'isem il-konvenuti msiefrin Margaret Micallef, Saviour Mifsud, Mary Vella, Philip Mifsud u John Mifsud u gew mahruga barra mill-kawza l-Avukat Dottor Joseph Azzopardi u l-Prokuratur Legali Charles Vassallo li kienu gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti konvenuti Margaret Micallef, Saviour Mifsud, Mary Vella, Philip Mifsud u John Mifsud; u b'digriet tal-20 ta' Awissu, 1998 l-gudizzju gie trasfuz fil-persuna ta' Jacqueline Balzan f'isimha proprju u bhala mandatarja ta' ohtha l-assenti Margaret Mifsud, Sonia Bonello, Maria Mallia u Filippa armla ta' Maria Mifsud bhala legittima rapprezentatha ta' uliedha minuri Mario u Carmelo ahwa Mifsud *stante* l-mewt fil-mori tal-kawza ta' Mario Mifsud**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat fit-23 ta' Dicembru, 2004, minn Emanuel Bonanno et, li *in forza* tieghu, wara li esponew illi:

1. B'citazzjoni prezentata quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' April, 1987 l-atturi ppremettew illi l-attrici hija l-proprjetarja ta' l-ghalqa ta' Bajdun fil-limiti ta' Haz-Zebbug tal-kejl ta' tlett itmien hames sighan u tmien kejliet, tmiss mit-tramuntana ma' St Mary Street, nofsinhar ma' sqaq San Giakbu u mill-punent ma' art ta' Filippu u Giovanni tal-Bilbli, jew l-eredi taghhom; illi din l-ghalqa hija posseduta mill-konvenuti minghajr ebda titolu u qed

jirrifjutaw li jizgombraw minnha; ghalhekk talbu li dik il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-ghalqa ta' Bajdun fil-limiti ta' Haz-Zebbug kif fuq deskritta hija proprjeta' ta' l-attrici;
2. konsegwentement illi l-konvenuti jigu kkundannati illi jizgumbraw mill-ghalqa ta' Bajdun fil-limiti ta' Haz-Zebbug kif fuq deskritta;
3. u dan fit-terminu qasir u perentorju li tiffissalhom din il-Qorti. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

2. B'nota ta' l-eccezzjoni pprezentata fis-26 ta' Novembru, 1987 il-konvenut Carmelo Mifsud eccepixxa:

1. Fl-ewwel lok il-preskrizzjoni ta' tletin (30) sena *a tenur* ta' l-Artikolu 2248 tal-Kodici Civili;
2. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-art imsemmija fic-citazzjoni hija ta' l-ahwa Mifsud.

3. B'nota tas-19 ta' Jannar, 1988 il-konvenuti Dr. Joseph Azzopardi u l-P.L. Charles Vassallo *nomine* eccepew:

1. Qabel xejn l-atturi jridu jipprovaw li huma proprjetarji;
2. Minghajr pregudizzju l-azzjoni hija preskritta *stante* li l-konvenuti ilhom jippossjiedu l-ghalqa *in kwistjoni "animo domini"* ghal aktar minn tletin sena.

4. B'nota pprezentata fis-27 ta' Mejju, 1988 il-konvenuta Rose Attard eccepiet:

1. L-ghalqa *de quo* tappartjieni lill-aventi kawza tal-attrici (sic) Victor Mifsud u *in fatti* dejjem kienet ritenuta bhala proprjetarja tal-imsemmi defunt tant li giet denunzjata fost l-assi tieghu (Denunzja Numru 1697/79);
2. Bla pregudizzju ghas-suespost, *in vista* tad-dikjarazzjoni tal-istess attrici illi l-ghalqa *de quo* kienet *in lokazzjoni* ghand Vittorio Mifsud, ma jistghux jirnexxu t-tieni u t-tielet domanda tac-citazzjoni.

5. B'sentenza tat-13 ta' Marzu, 2001 il-Prim'Awla qatghet u iddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet kollha attrici u laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti bl-ispejjez kollha kontra l-istess attrici.

6. B'sentenza ta' l-24 ta' Settembru, 2004 il-Qorti ta' l-Appell qatghet l-Appell interpost mill-attrici mis-sentenza tal-13 ta' Marzu, 2001 billi laqghetu limitatament *in kwantu* l-Qorti ta' l-Ewwel Grad kienet cahdet l-ewwel talba attrici, u konsegwentement irriformat is-sentenza appellata tat-13 ta' Marzu 2001 billi irrevokatha fejn din cahdet l-ewwel talba attrici u laqghet l-istess talba billi ddikjarat lill-attrici appellanti proprjetarja tal-ghalqa ta' Bajdun fil-limiti ta' Haz-Zebbug kif deskritta fic-citazzjoni, u kkonfermatha fil-bqija.

7. L-esponenti hassew ruhhom aggravati minn dina s-sentenza u jidhrilhom li hemm lok ghar-ritrattazzjoni *a bazi* ta' l-Artikoli 811(l) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili kif spjegat hawn taht.

8. Fil-fehma ta' l-esponenti hemm lok li s-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti ta' l-24 ta' Settembru, 2004, li *in kwantu* rriformat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-13 ta' Marzu, 2001, giet iddecidiet bi zball illi l-ghalqa posseduta mill-esponenti konvenuti kienet l-istess ghalqa li kienet qed tirrivendika l-attrici meta fil-fatt kemm mill-atti u mid-dokumenti tal-kawza kien jidher illi l-attrici ma kinetx qed tirreferi ghall-istess ghalqa li kellhom f'idejhom l-esponenti.

9. L-attrici talbet biex tigi dikjarata li hija l-proprjetarja ta' l-ghalqa ta' Bajdun fil-limiti ta' Haz-Zebbug tal-kejl ta' tlett itmien hames sighan u tmien kejliet, tmiss mit-tramuntana ma' St. Mary Street, nofs in-nhar ma' sqaq San Giakbu u mill-punent ma' art ta' Filippu u Giovanni tal-Bilbli, jew l-eredi taghhom, u l-Qorti ta' l-Appell ghaddiet biex iddikjarat lill-attrici bhala proprjetarja tal-ghalqa ta' Bajdun fil-limiti ta' Haz-Zebbug KIF DESKRITTA FIC-CITAZZJONI meta mill-atti u mid-dokumenti tal-kawza kien evidenti li l-attrici ma kinetx qed titkellem fuq l-istess bicca art li kellhom f'idejhom l-esponenti: l-art deskritta

mill-attrici kien fiha fost ohrajn kejl u rjieh differenti minn dik ta' l-esponenti.

ZBALL LI JIDHER MILL-ATTI JEW MID-DOKUMENTI TAL-KAWZA:-

10. Fil-Kuntratt ta' divizjoni ta' l-4 ta' Jannar, 1937, *in atti* Nutar Dottor Eduardo Calleja Schembri, u li bih l-ghalqa li kienet qed tippretendi l-attrici ippervjeniet lil awtrici taghha, Maria Gandolfo, l-istess ghalqa tinsab deskritta bhala *"La clausura denominata tal-Bajdun in contrada ta' San Martin limiti ta' C. Zebbug, consistente in un sol appezzamento di terreno della capacita' superficiale di TLi 3.5.8 e contiene una cisterna di acqua piovana ed e' soggetta a tari otto per decine arcidiaconali. Questa clausura ha per confine, a ponente beni dei fratelli Filippo e Giovanni agnionominati tal-Bilbli, a tramontana Strada Baldien, che conduce alla Valletta, a levante beni di Giuseppe Micallef ed a mezzo di vicolo San Giacomo"* (Ara Dok. *"P1" a fol* 34 esibit minn Joseph Deguara fl-14 ta' Jannar, 1988. Ara ukoll Dok. XY *a fol* 95 fejn tidher traduzzjoni ta' dan l-att ta' Divizjoni).

Mbaghad fl-inventarju tas-6 ta' Gunju, 1953 li hejja Dottor Paul Pullicino l-ghalqa ta' l-attrici tinsab deskritta bhala *"Ghalqa ta' Baidun fil-limiti taz-Zebbug tal-kejl ta' tlett itmiem, hames sighan u tmien kejliet (T.3.5.8), tmiss mit-tramuntana ma' Saint Mary's Street, min-nofsinhar ma' Sqaq San Giakbu u mil-punent ma' art ta' Giovanni u Filippu tal-Bilbli"* (Ara Dok. *"A" a fol* 6).

Jigi osservat illi gia' hemm diskrepanza sostanzjali bejn iz-zewg deskrizzjonijiet ta' l-istess ghalqa u dana peress li fil-waqt li fil-kuntratt ta' Divizjoni ta' l-1937 l-ghalqa hija deskritta li tinsab fi Strada Baldien li fir-realta' ma tezistix (Ara Periti *in eskussjoni a fol* 180), fl-Inventarju tal-1953 l-ghalqa ta' l-attrici hija deskritta bhala li qieghda fi Triq Santa Marija.

Meta wiehed *pero'* jipparaguna l-ghalqa pretiza mill-attrici ma' l-ghalqa ta' l-esponenti huwa evidenti li ma ahniex qed nitkellmu fuq l-istess ghalqa. Bir-rispett kollu l-Qorti

ta' l-Appell ghamlet zball manifest li johrog meta wiehed jikkonfronta s-sentenza tal-Qorti ma' l-atti u mad-dokumenti tal-kawza. L-ghalqa kif deskritta fic-citazzjoni mhijiex l-istess wahda li ghandhom f'idejhom l-esponenti. Fil-fatt mill-atti u mid-dokumenti tal-kawza jirrizulta:-

(i) L-ghalqa ta' l-esponenti tmiss mit-tramuntana ma' Mdina Road, gia' Triq ta' Srina, mentri l-ghalqa pretiza mill-attrici tmiss mit-tramuntana ma' St. Mary Street li hija mal-400 mitt metru boghod (Ara Relazzjoni *a fol* 133/135, u Periti *in eskussjoni a fol* 176-187).

(ii) L-ghalqa ta' l-esponenti ma tmissx minn nofs in-nhar ma' sqaq San Giakbu bhal ma tmiss dik rivendikata mill-attrici (Ara Relazzjoni *a fol* 133 sa 135, Eskussjoni *a fol* 176 sa 187, u l-Pjanti esebiti *a fol* 114, 115, 116, 120, 136, 137, u 296). Dan ir-rih *"sqaq San Giakbu"* huwa fondamentali peress illi kontrarjament ghall-irjieh l-ohra u li d-denominazzjoni taghhom tista' tvarja maz-zmien, dan l-isqaq jissejjah x'jissejjah, ghandu joffri prova cara tal-konfini. Jigi notat illi l-attrici stess tammetti li ma jezisti l-ebda sqaq li jmiss ma' l-ghalqa ta' l-esponenti. Hija tghid li *"DAN HU FATT"* (Ara Rikors Appell *a fol* 290). Precedentement l-attrici kienet ammettiet ukoll fis-seduta peritali tal-15 ta' Marzu, 1996 li *"f'dik il-lokalita' ma hemm ebda sqaq b'isem simili"* (*a fol* 143).

*(iii)* L-ghalqa ta' l-esponenti ghandha ghorfa li tmiss mat-triq mit-tramuntana (Ara pjanta Dok. *"PM10"* esibita fis-seduta tat-28 ta' Lulju, 1980, pjanta Dok. *"A"* esibita fis-seduta tal-21 ta' Novembru, 1988 *a fol* 89, pjanti *a fol* 114, 115, u 116, pjanti *a fol* 136 u 137, pjanta Dok. *"A1" a fol* 153, u pjanta Dok. *"A" a fol* 296), mentri l-ghalqa pretiza mill-attrici ma ghandhiex. Dina l-ghorfa tirrizulta anki fl-iktar pjanti antiki esibiti fil-process (Ara pjanta *a fol* 136, u pjanta Dok. *"A" a fol* 296).

(iv) L-ghalqa rivendikata mill-attrici tinsab fil-kuntrada ta' San Martin mentri l-ghalqa ta' l-esponenti mhijiex u anzi tinsab mal-tlett mitt jew erba' mitt metri boghod (Ara Relazzjoni *a fol* 133/135, Eskussjoni *a fol* 176 sa 187, u pjanti esibiti *a fol* 114, 115, 116, 120, 136, 137, u 296) Il-

Periti Addizzjonali kkonkludew illi *"Il-kuntrada msemmija fil-kuntratt ta' divizjoni mhijiex fejn tindika l-attrici imma qieghda hafna aktar il-boghod"* (Ara *fol* 181).

(v) Lanqas irrizulta mill-atti processwali li ghalqa ta' Bajdun hemm wahda biss. Anzi irrizulta li l-AREA hija ta' Bajdun u l-ghalqa posseduta mill-esponenti jghidulha ta' Bajdun, bhal ma jghidulhom hafna aktar ghelieqi ohra f'dawk l-inhawi, proprju ghax jinsabu fl-*area* li jghidulha ta' Bajdun. Dan jidher evidenti mid-diversi pjanti esibiti (*a fol* 136, 137, 153, u 296). Anki fl-atti tan-Nutar Caxaro tas-16 ta' April 1536 insibu miktub hekk: *"ta' bajdun TERRA in contrata sancti Martini"* (Ara estratt p. 14 mill-Ktieb li gie ppubblikat mill-Professur Godfrey Wettinger, "Place-Names of the Maltese Islands ca. 1300-1800, Dok. App. 2 *a fol* 300). Jigi rilevat ukoll illi fid-Denunzja 1697/78 ta' Victor Mifsud li miet fit-8 ta' Settembru, 1977 l-ghalqa tal-konvenuti tinsab deskritta bhala *"ghalqa l/o Zebbug KONTRADA TA' BAJDUN"* (Ara Dok. *"D1"* esibit waqt is-seduta tat-23 ta' Ottubru, 1989). Anki fit-testment *"unica charta"* ta' Victor Mifsud tat-2 ta' Lulju, 1977, *in atti* Nutar Dottor Philip Saliba, l-ghalqa ta' l-esponenti tinsab deskritta bhala *"l-ghalqa fi triq il-Mithna "Ta' Scrina" ossia Mdina Road"* (Ara Dok. *"TB2"* esibit waqt is-seduta ta' l-4 ta' Mejju, 1990).

(vi) Il-kejl bejn iz-zewg ghelieqi irrizulta ukoll li huwa differenti ghax fil-waqt li l-ghalqa pretiza mill-attrici ghandha kejl ta' tlett itmien hames sighan u tmien kejliet (Ara Dok. *"PM3"* esibit fis-seduta peritali tat-28 ta' Lulju, 1980) *cioe'* 4,458 metri kwadri, l-ghalqa ta' l-esponenti ghandha kejl ta' 4,823 metri kwadri (Ara Dok. *"A1" a fol* 153). Bejn iz-zewg ghelieqi hemm diskrepanza ta' aktar minn tmienja fil-mija (8%).

11. Ghar-ragunijiet premessi l-esponenti jissottomettu illi hemm lok li s-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti moghtija fl-24 ta' Settembru, 2004 fl-ismijiet *"Maria Theresa Deguara Caruana Gatto et vs Teresa Bonanno et"*, citazzjoni numru 177/1987, tigi mhassra u l-kawza tigi ritrattata minhabba li s-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza u dana *ai*

*termini* tal-paragrafu (l) ta’ l-Artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, l-esponenti fil-waqt li jaghmlu riferenza ghall-atti kollha tal-kawza u jirrizervaw li jressqu provi ohra permessi mill-ligi nkluza s-subizzjoni ta’ l-attrici li ghaliha minn issa stess qed jinterpellawha, jitolbu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar is-sentenza taghha ta’ l-24 ta’ Settembru, 2004 fl-ismijiet *“Maria Theresa Deguara Caruana Gatto et vs Teresa Bonanno et”* (Citazzjoni numru 277/1987) li biha laqghet l-ewwel talba attrici u ddikjarat li l-ghalqa *in kwistjoni* ta’ Bajdun fil-lmiti ta’ Haz-Zebbug posseduta mill-esponenti tappartjeni lill-attrici, u tordna t-trattazzjoni mill-gdid ta’ l-Appell kif fuq inghad u ghar-ragunijiet indikati u *ai termini* tal-Artikolu 811(l), u *kwindi* tichad l-Appell maghmul mill-attrici appellanti. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi u tal-prezenti procedura kontra l-attrici appellanti.

Rat ir-risposta ippresentata minn Maria Teresa Deguara Caruana Gatto et li *in forza* taghha ecepew illi:

1. *In linea* preliminari teccepixxi illi l-eredi ta’ Teresa Bonanno m’ghandhomx *locus standi* u ghalhekk il-gudizzju mhuwiex integru u r-rikors ta’ ritrattazzjoni huwa null.

2. Minghajr pregudizzju, fil-meritu, tissottometti dan li gej.

3. Ir-ritrattazzjoni tal-konvenuti sokkombenti fl-Appell qed tigi bazata unikament fuq l-artikolu 811(l) tal-Kodici procedurali.

4. Skond dan l-inciz tal-artikolu 811 r-ritrattazzjoni ta’ sentenza moghtija fit-tieni istanza tista’ tinghata:

*“jekk is-sentenza kienet l-effett ta’ zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza”* – fil-verzjoni ingliza:
*“where the judgement was the effect of an error resulting from the proceedings or documents of the cause”*.

5. Ghandu jigi rilevat mill-bidu nett li hawn *si tratta* ta' zball fis-sentenza, u mhux zball fil-process. Difatti, t-tieni paragrafu jistabilixxi li mhux kwalunkwe zball fis-sentenza jaghti lok ghar-ritrattazzjoni, izda

*"jitqies li hemm dak l-izball fil-kaz biss*

*(a) li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt, li l-verita' tieghu tkun bla ebda dubju eskluza,*

(b) *jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita' tieghu tkun stabbilita pozittivament",*

u dana kollu bil-kondizzjoni, kemm fl-ewwel u kemm fit-tieni kaz li:
*"il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza"*.

Jigifieri, l-izball ritrattabbili hu limitat ghaz-zewg kazijiet imsemmija fuq u jinsab cirkoskritt bil-kondizzjoni msemmija.

6. Kif gie deciz fil-kawza *"**Bonnici vs Galea Naudi**"* 3 ta' April, 1922, (XXV.1.137) kwantu ghaz-zewg kazijiet fuq elenkati:

*Secondo questa disposizione l'errore che puo' costituire motivo di ritrattazione deve essere un errore materiale di fatto e non un errore di criterio e di interpretazione, ed e' necessario ancora che tale errore abbia determinato la decisione del Giudice; vale a dire che il medesimo costituisca il fondamento principale della sentenza: per la quale cosa non si farebbe luogo alla revoca della sentenza, se essa pur essendo viziata da manifesto errore di fatto, si sorregga sopra altre ragioni indipendenti da quella erronea. Cosi il Mattirolo, loco citato, numero 897.*

7. L-istess haga qalet il-Qorti, ghalkemm f'termini differenti u iktar specifici, fil-kawza *"**Vella Zarb vs Bartolo**"* 3 ta' Frar, 1930, (XXVII.1.434):

*Che come venne ritenuto da questo Corte il 17 novembre 1920, in re "Gauci versus Fenech" (Collez. Vol. XXIV.I.p.609), l'errore di fatto perche' possa aprire l'adito alla ritrattazione deve risultare dagli atti e dai documenti dalla causa e deve essere un errore materiale, intuitivo, risultante dal semplice confronto delle dichiarazioni della sentenza cogli atti e coi documenti, e non relativo ai criteri o caratteri coi quali il fatto e' stato appreso dal giudicante, perche' l'apprezzamento e l'interpretazione del fatto costituiscono l'insindacabile convincimento del giudice. L'errore di fatto deve inoltre trovarsi in rapporto di casualita' colla decisione, ed e' necessario che il fatto non abbia formato un punto controverso e deciso colla sentenza inpugnata.*

8. Ir-rimedju tat-ritrattazzjoni hu ta' natura eccezzjonali u straordinarja u ghalhekk ghandu jigi applikat restrittivament u limitat b'mod tassattiv ghat-termini espressi tal-ligi. Dan ghamlitu car il-Qorti fil-kawza msemmija *"**Bonnici vs Galea Naudi**"* (p. 141):

*"Qui pero' si e' in tema di ritrattazione, e tale rimedio non si da' per qualunque caso di vera o supposta ingiustizia, di vero o supposto errore di fatto o di diritto, ma solo in quei casi tassativamente stabiliti dalla legge dovendo in ogni altro caso prevalere la stabilita' del giudicato che sola puo' mettere fine alle liti, poiche' l'autorita' della cosa giudicata importa grandemente alla sicurezza civile"*
(ara wkoll **Micallef vs Vella**, 25 ta' Ottubru, 1910 (XXI.2.119).

9. L-istess insenjament gie ribadit f'sentenzi ohra sussegwenti. L-istitut tar-ritrattazzjoni gie dejjem meqjus bhala wiehed straordinarju, governat minn regoli ta' interpretazzjoni strettissima (XXVII, I, 818). *Inoltre*, l-Qrati nostrali dejjem ammonew li m'ghandux jigi konsentit illi, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni, l-litigant sokkombenti jarga' jiftah il-kawza berah, u b'hekk jikkrea tribunal tat-tielet istanza (XLII.227). Ara wkoll *"**Mifsud vs Grech**"* (App. 6.10.1999), *"**Muscat vs Prim' Ministru**"* (Q. Kost. 31.7.2000), *"**Caruana vs Schembri**"* (App. 20.10.2003).

10. Il-Kodici modern ta' procedura civili fl-Italia kien dahhal artikolu bhal taghna. Il-Mortara (IV, 504) jikkommenta hekk:

*Come e' definito dalla legge l'errore di fatto e' un vero errore dei sensi; il magistrato ha creduto di vedere negli atti quello che non esiste, od ha fondato la sua convinzione sul presupposto della inesistenza di quel che avrebbe subito veduto se avesse esercitato gli occhi del corpo e dell'intelletto sulle carte del processo. Il caso, evidentemente, non puo' essere che rarissimo. Il piu' delle volte le domande di rivocazione fondate su questo motivo sogliono essere respinte, non tanto perche' l'autorita' giudiziaria si rifiuti a riconoscere il proprio errore, come per la mancanza effettiva di questo nel senso delle legge. E' naturale, del resto, che se si tratta di un punto controverso su cui la sentenza abbia pronunziato, sia pure attraverso un esame troppo superficiale e con giudizio patentemente erroneo, non si possa battere la via di questo rimedio straordinario per riaprire la trattazione del processo*.

11. Fis-sentenza taghha tas-7 ta' Ottubru fil-kawza **Farrugia vs Schembri et** din l-Onorabbli Qorti enfasizzat li hu mehtieg li:

*"l-istess zball ikun manifest, tali cioe' li jemergi mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u dokumenti tal-kawza, b'mod li jkun semplici inavvertenza tal-gudikant"*.

Dan gie citat b'approvazzjoni fis-sentenza tal-24 ta' Settembru, 2004 fil-kawza **Testaferrata Moroni Viani vs Vella noe** (pag. 7).

12. Kwantu ghall-kondizzjoni fuq imsemmija tat-tieni paragrafu tal-inciz 811(l), gie deciz fil-kawza **Gauci vs Fenech** fis-17 ta' Novembru, 1920 (XXIV.I.600):

*"Si richiede che il fatto non abbia costituito un punto controverso fra le parti e deciso nella sentenza, poiche' se le parti avessero trattato di quel punto di fatto come di*

*mezzo od argomento di azione o di difesa e la impugnata sentenza contenesse menzione del punto controverso ed avesse accolto o rigettato quel mezzo od argomento non si potrebbe piu' ritenere che il fatto fosse passato immune da controversia ne che lo stesso non sia stato avvertito dal giudice"*

Dan l-estratt gie ribadit ukoll fil-kawzi **Vella vs Galea**, App. 20.XI.1998, u **Cutajar vs Muscat**, App. 12.V.2003.

13. Ir-rikors odjern ta' ritrattazzjoni ghandu jigi ezaminat fid-dawl tal-principji fuq esposti li gew kompletament injorati mir-ritrattanti. Difatti, huma ma iccitaw ebda sentenza jew awtorita' biex isostnu l-allegat *'zball'* tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-24 ta' Settembru, 2004. Fir-rikors taghhom, prezentat *all'ultima ora, cioe'* fit-23 ta' Dicembru, 2004, huma ma indikaw ebda *"zball"* lampanti fis-sentenza, u m'ghamlu xejn ghajr ittrattaw il-kawza precizament bl-istess mod kif kienu ittrattawha quddiem il-Qorti tal-Appell b'risposta ghar-rikors tal-appell tal-attrici.

14. Ir-ritrattanti ma indikaw ebda supposizzjoni ta' fatt li *l-verita'* tieghu kienet fil-process *bla ebda dubju eskluza*, u lanqas indikaw xi supposizzjoni li ma jezistix xi fatt li l-verita' tieghu kienet giet stabilita b'mod pozittiv. Kull ma ghamlu hu li avanzaw sitt ragunijiet li jirrigwardaw id-deskrizzjoni tal-ghalqa *in kwistjoni* biex juru, huma, li l-attrici ma ippruvatx li l-ghalqa *in kwistjoni* kienet taghha. Dawn ir-ragunijiet kollha kienu ngiebu minnhom quddiem il-Qorti tal-ewwel istanza u jinsabu fit-totalita' taghhom tista' tghid bazata fuq ir-rapporti tal-periti inkarikati mill-ewwel Qorti u s-sentenza tal-ewwel Qorti li addottat dawk ir-rapporti minghajr ma tat kaz serju lill-provi l-ohra kollha akkwiziti, li hafna minnhom gew ghal kollox injorati.

15. Dawk is-sitt ragunijiet gew diskussi u ribattuti mill-attrici fir-rikors tal-appell mis-sentenza tal-ewwel Qorti, u l-Qorti tal-Appell irrikonoxxiet li dawk is-sitt ragunijiet ma kinux validi biex jinnewtralizzaw il-provi dokumentarji prodotti mill-attrici, sorretti b'mod sostanzjali mix-xhieda ta' diversi mill-konvenuti, u min-nota tal-eccezzjonijiet taghhom stess.

16. Fir-rikors tal-appell l-attrici wriet fit-tul li l-provi kollha tal-process kienu jwasslu ghal dawn il-konkluzjonijiet inderogabili, u *cioe'* li:

(a) l-unika ghalqa li fuqha qatt kien hemm relazzjoni bejn il-familja tal-attrici u dik tal-konvenuti kienet l-ghalqa msemmija fic-citazzjoni u ezaminata mill-periti;

(b) id-dokumenti esibiti ippruvaw li n-nannu tal-konvenuti kien ihallas qbiela ta' L6.10s fis-sena lill-Mons. Caruana Gatto li tieghu l-attrici hi aventi kawza.

(c) id-dokumenti fid-Dipartiment tal-Agrikultura ippruvaw li missier il-konvenuti fl-1945 irregistra ruhu bhala bidwi tal-ghalqa *in kwistjoni* u iddikjara li s-sid kien il-Markiz Apap Bologna, missier l-attrici;

(d) id-deskrizzjoni tal-ghalqa li kienet giet assenjata fl-atti ta' divizjoni lill-awtur tal-attrici taqbel sostanzjalment ma' dik *in kwistjoni*.

(e) il-konvenuti ma ippruvawx dak li eccepew u *cioe'* li l-ghalqa *in kwistjoni* saret taghhom bil-preskrizzjoni trentennali.

17. Il-Qorti tal-Appell investiet proprju dak li gie sottomess mill-attrici fuq is-sitt punti tal-konvenuti. Fil-pagna 15 dik il-Qorti qalet hekk:

*"Minn qari tar-rikors tal-appell tal-attrici jidher li l-punti principali li gew diskussi huma tlieta u cioe'*

*(a) il-kwistjoni tal-identita' tal-art;*
*(b) il-kwistjoni tat-titolu tal-atturi;*
*(c) il-preskrizzjoni akkwizita"*.

Fil-pagna 15 sa 18 dik il-Qorti ittrattat il-punti (a) u (b) fid-dawl ta' dak li gie sottomess mill-attrici u mill-konvenuti.

18. Ghar-rigward ta' (a), *cioe'* l-identita' tal-art, il-Qorti tal-Appell qalet li fl-eccezzjonijiet tal-konvenuti stess ma

jinghadx li l-ghalqa posseduta minnhom hi differenti minn dik imsemmija fic-citazzjoni, *"anzi ghall-kuntrarju Carmelo Mifsud jghid espressament li l-art imsemmija fic-citazzjoni hi tal-ahwa Mifsud"*. Ghar-rigward ta' (b) dik il-Qorti iddikjarat li mill-provi prodotti *"hija sodisfatta li l-ghalqa in kwistjoni ta' Bajdun tappartjeni lill-attrici billi wirtitha minghand Maria Gandolfo Caruana Gatto"*.

19. Per konsegwenza, fid-dispozitiv tas-sentenza, l-Qorti tal-Appell ipprovdiet billi laqghet l-ewwel talba attrici *"**Billi tiddikjara lill-attrici appellanti proprjetarja tal-ghalqa ta' Bajdun fil-limiti ta' Haz-Zebbug kif deskritta fic-citazzjoni**"*.

20. L-ewwel talba tal-attrici fl-att tac-citazzjoni kienet tghid precizament hekk:

*"il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi l-ghalqa ta' Bajdun fil-limiti ta' Haz-Zebbug kif fuq deskritta (cioe'*, *fil-permessi) hija proprjeta' tal-attrici"*.

Id-domandi l-ohra ghall-isgumbrament kienu konsegwenzjali. Jigifieri l-punt *in kontestazzjoni* bejn il-partijiet kontendenti kien unikament il-proprjeta' tal-ghalqa *in kwistjoni.* Kif gie ritenut fil-kawza **Agius vs Bugeja** (App. 13.VI.1995), fuq l-iskorta ta' kwantita' kbira ta' decizjonijiet simili, konformement mal-kondizzjoni mposta mil-ligi:

*"jekk l-izball akkampat bhala motiv ghar-ritrattazzjoni kien punt ta' kontestazzjoni li gie maqtugh bid-decizjoni impunjata, mhix ammessa ritrattazzjoni fuq il-motiv ta' dak l-izball, u l-apprezzament u l-interpretazzjoni tal-fatti ma huwiex sindakabbli, u ma jaghtux lok ghar-rimedju legali tar-ritrattazzjoni"*.
(v. ukoll **Sammut vs Mizzi**, App. 30.VI.2003).

21. Is-sitt ragunijet avanzati mill-konvenuti ghar-ritrattazzjoni jirrigwardaw *"l-identita' tal-art"*, u jolqtu precizament il-konfini, l-isem tas-sit, u l-kejl tal-ghalqa. Il-Qorti tal-Appell kienet ezaminat akkuratament dawn il-

punti kollha fis-sentenza taghha u waslet ghal din il-konkluzjoni:

*“Kwistjonijiet ta’ kejl, ta’ irjihat jew rikonoxximenti tal-ghalqa in situ huma sekondarji darba ma kien hemm ebda kontestazzjoni fuq liema kienet l-art …”*

u kompliet tispjega ghaliex dawn kienu sekondarji. Dan juri bl-aktar mod car li s-sitt aggravji tar-rikors odjern tal-konvenuti kienu *“punti ikkontestati illi gew decizi bis-sentenza”* (art. 811(l), tieni paragrafu, tal-Kodici ta’ Procedura Civili).

22. Il-konvenuti ma jistghux jikkreaw appell fuq appell. *“L-interpretazzjoni tal-fatti, il-valutazzjoni u l-apprezzament tal-provi, ma jaghtux lok ghal ritrattazzjoni in kwantu dawn huma attributi li jispettaw eskluzivament lill-gudikant li jissindika u jiddeciedi l-mertu”* (**Micallef vs Pavia**, 8.XI. 1993, LXXVII, 326; **Amato Gauci vs Agius**, App. 24.XI.2003).

23. Ir-rikors tal-konvenuti, kif jirrizulta bl-ikbar evidenza, hu frivolu u vessatorju, intiz semplicement biex itawwal l-proceduri. Mhu xejn hlief mizura ta’ disperazzjoni maghmula, kif qalet din l-Onorabbli Qorti f’kawza ohra*, fl-agonija tal-gheluq tat-terminu statutorju*. Tkun ozjuza kwalunkwe osservazzjoni ohra.

Rat l-atti tal-process fl-ismijiet premessi decisa minn din il-Qorti fl-24 ta’ Settembru, 2004;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza tikkoncerna l-proprjeta’ ta’ ghalqa maghrufa bhala *“ta’ Bajdun”*, fil-limiti ta’ Haz-Zebbug, tal-kejl ta’ 3 itmiem, 5 sighan u 8 kejliet. Maria Theresa

Deguara Caruana Gatto allegat li dik l-ghalqa kienet proprjeta’ taghha, u talbet li l-konvenuti Bonanno et jizgumbraw mill-istess ghalqa, peress li l-pussess taghhom tal-ghalqa kien bla titolu. Il-konvenuti Bonanno et ikkontestaw il-pretensjoni attrici u eccepew li huma kellhom titolu ta’ proprjeta’ fuq l-istess art.

L-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili, b’sentenza moghtija fit-13 ta’ Marzu, 2001, kienet laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u cahdet it-talbiet attrici, izda din il-Qorti, b’sentenza tal-24 ta’ Settembru, 2004, kienet irrevokat *in parte* s-sentenza tal-ewwel Qorti, laqghet l-ewwel talba attrici, u ddikjarat li l-attrici kienet proprjetarja tal-ghalqa *“ta’ Bajdun”*, fil-limiti ta’ Haz-Zebbug; il-bqija tas-sentenza ta’ prim istanza giet konfermata. Il-konvenuti Bonanno et ma accettawx din id-decisjoni u ressqu dawn il-proceduri ta’ ri-trattazzjoni bazati fuq allegat zball ta’ fatt li jidher mill-atti tal-kawza (artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta). L-attrici qed tikkontesta t-talba ghas-smigh mill-gdid tal-kawza *a bazi* tal-principju li ma sar ebda zball minn din il-Qorti, izda valutazzjoni u apprezzament tal-provi li ma jaghtux lok ghal ri-trattazzjoni.

L-ewwel osservazzjoni li ghandha ssir hija li r-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju ammess biss fil-kazi stabbiliti fil-ligi u dawn il-kazi huma tassattivi. Fil-kawza fl-ismijiet **<u>Mildred Ferando vs Loris Bianchi proprio et noe</u>** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell [Appell mill-Bord Li Jirregola l-Kera] fit-12 ta’ Mejju, 2003 gie osservat li, ***“dan l-istitut huwa meqjus bhala rimedju straordinarju (Vol. XXV.i.137) governat minn regoli ta’ interpretazzjoni strettisima (Vol. XXVII.i.818), “non suscettibili di una interpretazzione estensiva ma della sola letterale” (Antonio Micallef vs Maria Dolores Vella et, Prim’Awla tal-Qorti Civili, 25 ta’ Gunju, 1910)”***

Fil-kawza fl-ismijiet **<u>Rev. Sacerdot Don Giuseppe Aquilina vs Francesco Aquilina</u>** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-18 ta’ April, 1958 [Vol. XLII.i.227], gie osservat li f’dawn il-kawzi (*cioe’* ta’ ritrattazzjoni) wiehed ghandu dejjem ***“izomm quddiem ghajnejh it-twissija li ghamlet (il-Qorti tal-Appell) (Vol. XXI.i.789) dwar l-indoli***

***straordinarja ta' dan ir-rimedju ta' ritrattazzjoni; lumeggat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut ampjament rikapitolata, anki b'riferenza ghar-rapport tal-Kummissjonarji, fis-sentenza fil-Vol. VI, p. 365, u li jgib bhala konsegwenza logika li r-regoli li jiggovernaw dan l-istitut huma ta' interpretazzjoni strettissima (Vol. XXVII.i.818)".*** Il-Qorti kompliet tghid, f'dik is-sentenza, li ***"ma jistax jigi permess li, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent jerga' jiftah il-kawza u b'hekk, kif qalet is-sentenza fil-Vol. VI fuq citata, jigi indirettament krejat tribunal tat-tielet istanza"***.

Minbarra dan, sakemm din il-Qorti tkun ghadha qeghda tqis jekk jezistux ragunijiet tajbin bizzejjed biex thassar is-sentenza li taghha qed jintalab is-smigh mill-gdid, hija ma tista' bl-ebda mod tindahal f'apprezzament favorevoli jew kuntrarju tal-kunsiderazzjonijiet maghmulin mill-Qorti li tkun tat dik is-sentenza. Xoghol din il-Qorti *in rescindente* m'huwiex dak li tgharbel mill-gdid jekk hija taqbilx jew le mal-mod kif il-Qorti kienet waslet ghall-fehmiet taghha fis-sentenza impunjata: xoghol din il-Qorti hi li tqis jekk tirrizultax imqar wahda mic-cirkostanzi procedurali mahsubin fil-ligi li bihom dik is-sentenza tista' titwaqqa' [ara App. Inf. 26.1.2005, fil-kawza fl-ismijiet ***<u>William Cassar Torregiani vs Direttur tas-Sigurta' Socjali</u>***].

Il-konvenuti rikorrenti, kif inghad, qed jibbazaw it-talba taghhom fuq allegat zball ta' din il-Qorti, fis-sens li din il-Qorti ma qisetx diskrepanzi li johorgu mill-atti bejn l-ghalqa pretiza mill-attrici u dik tal-konvenuti, tant li jissottomettu li l-ghalqa pretiza mill-attrici u dik fil-pussess taghhom mhux l-istess ghalqa.

Ikun hemm zball ta' fatt kif kontemplat fl-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12, *"…fil-kaz biss li d-decizjoni tkun <u>ibbazata</u> fuq supposizzjonijiet ta' xi fatt li fil-verita' tieghu tkun bla ebda dubbju eskluza jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita' tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat li jkun gie deciz bis-sentenza"*.

Kif gie ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti (diversament komposta) tas-7 ta' Ottubru, 1996, fil-kawza fl-ismijiet **Charles Farrugia et noe vs Benny Schembri** (u dan fuq l-iskorta ta' sentenzi ohra u ta' awturi) biex ikun hemm l-izball ravvizat fil-paragrafu (l) tal-Art. 811 hu mehtieg li:

***"i. L-izball […] ikun zball materjali ta' fatt u mhux zball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni;***

***ii. L-izball irid jirrizulta mill-atti u dokumenti tal-kawza u ghalhekk hija assolutament inammissibbli l-produzzjoni ta' atti u dokumenti godda biex tigi fornita l-prova ta' l-izball […];***

iii. ***Illi l-istess zball ikun manifest, tali cioe' li jemergi mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u dokumenti tal-kawza, b'mod li jkun jidher prodott esklussivament minn semplici inavvertenza tal-gudikant […]"***.

Intqal ukoll fil-kawza "Borg vs Borg", decisa minn din il-Qorti fis-7 ta' April, 1998, u dana b'approvazzjoni tat-taghlim ta' Mortara illi *"l'errore di fatto e' un vero errore dei sensi; il magistrato ha creduto di vedere negli atti quel che non esiste o ha fondato la sua convinzione sul presupposto della inesistenza di quel che avrebbe subito veduto se avesse esercitato gli occhi del corpo e dell''ntelletto sulle carte del processo'"*"

F'dan il-kaz, ma jirrizultax li f'din il-kawza, din il-Qorti ghamlet dan it-tip ta' zball. Id-differenzi li l-konvenuti esponew fir-rikors ghal ri-trattazzjoni gew bl-istess mod esposti ghal-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti fl-appell imressaq quddiemha. Din il-Qorti, fit-trattazzjoni tal-kaz, ma injorathomx, anzi qisithom, ghamlet valutazzjoni taghhom, izda dehrilha li ma kienux materjali ghas-soluzzjoni tal-kaz. Din il-Qorti, fil-fatt, osservat li *"huwa minnu li matul il-prosegwiment tal-kawza kien hemm diversi cirkostanzi li jindikaw konfuzjoni sew minhabba l-kejl tal-art li jidher li gie indikat diversament f'diversi okkazzjonijiet jew minn diversi esperti, kemm minhabba l-fatt li iben l-attrici waqt l-access indika ghalqa ohra*

*minflokk dik li realment kienet qed tigi rivendikata mill-attrici”*.

Dan juri li din il-Qorti kienet ikkunsidrat is-sottomissjoni tal-konvenuti dwar id-diskrepanzi li kienu irrizultaw, u allura, l-allegazzjoni li l-ghalqa rivendikata mill-attrici mhix l-istess wahda li ghandhom f’idejhom il-konvenuti giet mistharrga wkoll minn din il-Qorti meta tat is-sentenza impunjata. Din il-Qorti, *pero’*, ma accettatx din is-sottomissjoni wara li qieset li *nonostante* dawk id-differenzi ma kienx hemm kontestazzjoni li l-art posseduta mill-konvenuti kienet l-istess wahda reklamata mill-attrici. Wiehed jista’ jzid jghid ukoll li r-rikorrenti nfushom laqghu ghall-pretensjonijiet attrici dwar it-talba ghar-rivendika tal-ghalqa msemmija fil-premessi tac-Citazzjoni billi, fin-Noti tal-Eccezzjonijiet kollha rispettivi taghhom u ghal aktar minn darba, eccepew xi ghamla ta’ titolu dwar il-pussess/zamma taghhom ta’ dik l-istess ghalqa. Dan ifisser li, fil-waqt tal-formazzjoni tal-kontestazzjoni, il-partijiet kienu qeghdin jindirizzaw il-pretensjonijiet rispettivi taghhom b’riferenza ghall-istess oggett tal-kawza (l-*eadem res*). Meta wiehed iqis din ic-cirkostanza mhux accidentali, ghandu johrog car li la fil-mohh tal-kontendenti u lanqas fir-ragunament tal-Qorti fit-tfassil tas-sentenza impunjata ma sehhet dik is-suppozizzjoni ta’ fatt li l-verita’ tieghu hija bla dubju eskluza. Kemm hu hekk, din il-Qorti, fil-fatt, irreferiet ukoll ghal-certi dikjarazzjonijiet tal-konvenuti li, fil-fehma taghha, kienu dikjarazzjonijiet fis-sens li l-istess art imsemmija fic-citazzjoni tappartjeni lilhom b’titolu ta’ preskrizzjoni akkwizittiva. Din il-Qorti, ghalhekk, ikkunsidrat il-punt sollevat mill-konvenuti, u iddecidiet li, mill-assjem tal-provi, ma irrizultax dubbju dwar l-identita’ tal-art. Isegwi, ghalhekk, li jghodd ghal-kaz dak li osservat din il-Qorti fil-kawza “Gauci vs Fenech”, decisa fis-17 ta’ Novembru, 1920, u *cioe’*,

*“Si richiede che il fatto non abbia costituito un punto controverso fra le parti e decisa nella sentenza, poiche’ se le parti avessero trattato di quel punto di fatto come di mezzo ad argomento di azione o di difesa e la impugnata sentenza contenesse menzione del punto controverso ed avesse accolto o rigettato quel nazzo fatto fosse passato*

*unimune da controversia ne che lo stesso non sia avvertito dal guidice”*.

L-argumenti bazati fuq diskrepanzi fl-ghelieqi gew trattati kemm quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, li accettathom, kif ukoll quddiem din il-Qorti, li rigettathom. Ma hemm xejn fis-sentenza li jindika li din il-Qorti, rat xi haga li ma kinetx fl-atti, jew ma ratx dak li jidher. Din il-Qorti ma bbazzatx is-sentenza taghha fuq fatt li hu bla dubbju eskluz mill-atti, izda fuq cirkostanza u dikjarazzjonijiet li jirrizultaw mill-atti u li dehrilha kienu jimmeritaw aktar attenzjoni. Il-fatt li l-Qorti tqis irrilevanti jew mhux ta’ importanza ewlenija certi fatti li kellha quddiema, ifisser li fil-fatt, il-Qorti tat konsiderazzjoni, fit-termini tal-ligi, lil dawk il-fatti. La darba, allura, il-punt kontrovers gie decis bis-sentenza ta’ din il-Qorti, ma jistax jkun hemm lok ghal ri-trattazzjoni fit-termini tal-artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghar-rigward tal-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimata, il-Qorti tirrileva li procedura ta’ ritrattazzjoni hija procedura gdida, ghalkemm mahsuba biex taqleb gudizzju terminat, u *kwindi* min jiftah proceduri ta’ ritrattazzjoni, irid jimxi skond l-istat tal-partijiet fil-mument attwali li tkun inbdiet il-procedura. Jirrizulta li, fil-waqt li nfethet din il-procedura, l-persuni li jidhru fl-“okkju” tar-rikors kienu l-aventi kawza tal-persuni li kienu jidhru fil-kawza li taghha qieghed jintalab is-smigh mill-gdid. Din l-eccezzjoni, ghalhekk, m’hijiex misthoqqa.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti ritrattandi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------